MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**DR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 170/2010

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Salvu Abdilla**

Il-Qorti

1.Rat l-akkuża miġjuba kontra Salvu Abdilla ta' 30 sena, bin Jospeh u Josephine nee Calleja, imwieled tal-Pieta fid-19 ta' Jannar 1980 u joqgħod ġewwa 50 Cynthia Triq il-Kunċizzjoni Żurrieq ID 54480(M) talli fis-27 ta' Frar 2010 u / jew fil-ġimgħat ta' qabel u fl-1 ta' Marzu 2010 għall-ħabta ta'19.30 ġewwa 12, Site D, Triq il-Kurunell Cocks, Pembroke, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Charolle Debono fil-pussess ta' ħwejjiġha jew b'xi mod ieħor kontra l-Liġi indaħal fi ħwejjeġ ħadd ieħor.

2.Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-15 t’April 2010, li permezz tagħha, il-Qorti, wara li rrelevat li d-difiża għażlet liema tressaqx xhieda u wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap 9 ikkundannat lill-akkużat għall-priġunerija għal perjodu ta’ xahar.

3.Rat ir-rikors tal-appell ippreżentat fit-22 t’April, 2010 fejn l-appellant spjega li kienet tħassret l-għerusija u l-partijiet waslu f’akkordju sabiex il-kwerelanta tgħaddi s-sehem tagħha tal-fond in kwistjoni lill-appellant. L-appellant elenka ħames aggravji u talab li din il-Qorti (a) tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata mogtħija nhar il-15 t’April, 2010 u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija jew (b) alternattivament tvarja s-sentenza billi tikkonferma l-parti fejn sabet lill-imputat ħati u konsegwentement tibdel il-piena għal waħda aktar miti u dan peress li dik inflitta hija oneruża wisq għaċ-ċirkostanzi.

4.Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-fedina netta tal-appellant, il-kwerela, u s-sentenza tal-15 t’April, 2010.

5. Semgħet ix-xhieda ta’ Sharonne Debono (il-kwerelanti) bil-ġurament liema xhieda kienet reġistrata.

6. Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

7. Mix-xhieda ta’ Sharonne Debono (il-kwerelanti) jirriżulta li kien hemm r-relazzjoni bejnha u bejn l-appellant kienet spiċċat. Hija xehdet ukoll li ma kinitx qed titħalla jkollha aċċess għal garage u għall-appartament 12 Site D Triq il-Kurunell Cocks, Pembroke. Min-naħa l-oħra hija qalet li kulma riedet kien li issa jinħelsu l-pendenzi bejnha u l-appellant. L-appellant issa kien bidel is-serratura għal dik ta’ qabel u għalhekk spiċċat il-problema.

8. Id-difiża ssottomettiet numru ta’ aggravji fosthom l-ewwel wieħed dwar l-indirizz tal-fond li llum huwa 18 u mhux 12. Iżda mix-xhieda tal-kwerelanta jirriżulta li kien sar renumbering tan-numri tal-bibien ***wara*** li saret il-

kwerela u li m'hemmx dubju li l-post indikat fiċ-ċitazzjoni huwa l-istess wieħed li dwaru qamet il-kwistjoni kollha. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa respint.

9. It-tieni aggravju kien li l-kwerelanti ma kellhiex pussess effettiv għax kienet abbandunat il-fond. Fit-trattazzjoni d-difiża ssottomettiet li la darba l-kwerelanti ma kellhiex iċ-ċavetta, allura ma kellhiex il-pussess tal-fond. Iżda legalment il-pussess m'għandux x'jaqsam ma' jekk wieħed għandux ċavetta jew le. Jekk sar l-akkwist tal-fond, ukoll ma' ħadd ieħor, hemm il-pussess għax hemm *l-animus rem sibi habendi*. Għalhekk dan l-argument qed ikun respint ukoll.

10. It-tielet aggravju huwa li peress li hemm ftehim li l-kwerelanti tirrinunzja għal kull dritt fuq il-fond u fadal biss il-ftehim dwar l-ammont li kellu jitħallas lill-kwerelanti allura l-akkużat ma kellux jinstab ħati taħt l-artikolu 85 tal-Kap 9. Huwa tassew li min kif xehdet il-kwerelanti jidher li tonqos l-aħħar biċċa tal-ftehim. Iżda la ma jirriżultax li sar it-trasferiment tal-fond, il-kwerelanti xorta għadha fil-pussess tiegħu, ukoll hekk dan huwa nofs indiviż. Għalhekk dan l-aggravju qed ikun respint ukoll.

11. Ir-raba' aggravju huwa dwar il-kwalita' tal-provi (nuqqas ta' ċertezza legali li l-imputat kien biddel iċ-ċavetta) u jekk kienx hemm 'mens rea'. Il-Qorti semgħet lill-kwerelanta tixhed li l-imputat kien biddel is-serratura tal-post. Filfatt xehdet ukoll li issa reġa' hemm is-serratura ta' qabel. L-akkużat kien jaf li l-post kien għadu ma nbigħx u kien jaf ukoll li ma sarx it-trasferimenti tiegħu – trasferiment li kien jidher li ma seħħx sal-jum tas-smigħ tal-appell. Ukoll jekk il-kwerelanti kienet assentiet ruħha mill-post, dan ma fissirx li din kienet ċediet id-drittijiet tagħha. Isegwi li l-appellant ma setax jibdel is-serratura mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra li kienet qed tippossedi miegħu. Biex ikun hemm il-'mens rea' m'hemmx għalfejn li wieħed jgħid espressament 'Jien qed nikser it-tali artiolu tal-liġi'.. L-att fih innifsu – il-bdil tas-serratura bla permess – meta l-post għadu jinżamm fil-komun, juri l-*mens rea.* M'għandux wieħed jippretendi li l-Prosekuzzjoni ġġib prova aħjar minn din, prova ribatibbli,

iżda li mis-sentenza jirriżulta li d-difiża ma ressqitx xhieda biex tirribattiha. L-aggravju dwar id-dati qed ikun respint ukoll għax id-dati jirriżultaw mill-kwerela li tagħmel parti mill-atii u li l-appellant kellu kull ċans li jitlob din tkun ikkonfermata bil-ġurament .

12. Il-ħames aggravju huwa dwar il-piena li, skond id-difiża, kienet waħda eċċessiva.

Dwar dan l-aggravju l-Qorti qieset dawn il-fatturi:

(a) li l-imputat reġa' biddel is-serratura għal dik li kien hemm qabel u issa l-aċċess għall-kwerelanti għall-post huwa possibbli;

(b) l-imputat għandu fedina penali netta;

(ċ) li l-kwerelanti aktar trid serħan tal-moħħ li l-ftehim ta' bejniethom iseħħ milli moħħha li tieħu **l-pound of flesh.**

Għal dwan il-motivi:

13.Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap 9, qed tirriforma s-sentenza appellata u cioe' dik tal-15 t'April 2010 fl-ismijiet premessi billi (a) tikkonfermaha fejn sabet lill-akkużat ħati; u (b)tirrevokha in kwantu kkundannat lill-imputat għal priġunerija ta' xahar u minflok qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-akkużat fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------